**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 7**
**Appell Nru: 280/2000**

**Il-Pulizija ( Sp. Sharon Tanti, Sp. Hubert Cini, u**
**Sp. Sandro Zarb )**
**Vs**

**SAMIR M. YEFRNI**

**Illum, 24 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Samir M. Yefrni talli fit-12 ta'Lulju, 1997, f'Wied il-Ghajn :

1. Ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta'Audrey Bonnici ta'erbatax il-sena ;
2. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr setgha skond il-ligi ta' l-Awtorita' kompetenti w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekwestra lill-Audrey Bonnici kontra l-volonta' taghha, filwaqt li ghamlilha offizi fuq il-persuna, heddidha bil-mewt, u dan sabiex, bhala mara, giet mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha ;

3. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'eghmil zieni kkorrompa lill-Audrey Bonnici ta'erbatax il-sena ;
4. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar fil-pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku ;
5. Matul l-ahhar xahrejn qabel il-fuq imsemmija data, minghajr ma nghata permess ta'residenza, nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficcjal Principali ta' l-Immigrazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li tghati l-piena stabbilita skond il-ligi, tiddikjara lill-Samir M. Yefrni bhala mmigrant ipprojbit u tordna t-tkeccija tieghu minn Malta skond l-Artikolu 15 tal-Kap. 217.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 6 ta'Dicembru, 2000, li biha sabet lill-Samir M. Yefrni mhux hati tal-hames akkuza dedotta kontrih, u ghalhekk illiberatu minnha, filwaqt li sabitu hati ta' l-akkuzi l-ohra kollha, u fuqhom ikkundannatu ghall-piena ta'hames (5) snin prigunerija. Inoltre, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, ikkundannatu li jhallas l-ispejjes peritali kollha fl-ammont ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120). Barra minn dan ordnat it-tnehhija tieghu minn dawn il-Gzejjer wara li jiskonta l-piena ta'prigunerija nflitta fuqu.

Rat ir-rikors t'appell ta' Samir M. Yefrni datat 20 ta'Dicembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, u thassarha w tirrevokaha fil-bqija taghha fejn sabitu hati w tilliberah minn kull htija w piena, u fin-nuqqas, tirriforma l-piena karcerarja ghal wahda anqas u aktar gusta.

Rat l-aggravji ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi sostanzjalment dak li qed jghid l-appellant fl-aggravji tieghu hu li in bazi tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, hi ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal sabiex issib htija fih. Din ghalhekk hi kollha kemm hi kwistjoni ta' apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti.

Kif dejjem gie ritenut, il-funzjoni ta'din il-Qorti hi wahda purament ta'Revizjoni, u mhux li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi. Ta' min ifakkar ukoll, li stante li l-provi fil-kaz prezenti gew kollha kompilati w jinsabu traskritti fl-atti, din il-Qorti mhiex fil-posizzjoni vantaggjuza li kienet fiha l-ewwel Qorti fis-smigh u apprezzament ta' dawk il-provi, specjalment fejn si tratta ta' kredibilita' ta'xhieda. L-ewwel Qorti, dik kompilatorja, kellha l-opportunita' kollha sabiex tul medda ta' zmien mhux hazin tigbor il-provi w tisma lix-xhieda kollha in ezami w in kontro-ezami dettaljat kull meta kien hemm bzonn. Dik il-Qorti, setghet, ghalhekk, tuza l-esperjenza taghha biex tara min minn dawk ix-xhieda kollha kien kredibbli, kemm kien kredibbli, jew jekk kienx addirittura mhux kredibbli. Din il-Qorti ta'Revizjoni m'ghandhiex din l-opportunita', u hu propju ghalhekk li hu biss eccezzjonalment li din il-Qorti tasal biex tirrimpjazza d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi b'wiehed li tghamel hi. Din il-Qorti necessarjament tghamel l-apprezzament taghha tal-provi, izda dan tghamlu biex tara jekk l-ewwel Qorti, in bazi ta'dawk l-istess provi, setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghal dawk il-konkluzzjonijiet li tkun hadet.

Hu f'dan l-isfond, mela, li din il-Qorti ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi. Din il-Qorti trid tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fid-decizjoni taghha li ssib htija fl-appellant in bazi tal-provi li hemm fl-atti. Trid tara wkoll jekk l-ewwel Qorti interpretatx b'mod skorrett il-punti ta'ligi nvoluti f'dan il-kaz, u tara jekk il-fatti li jirrizultaw mill-provi setghux iwasslu lill-ewwel Qorti sabiex b'mod ragjonevoli, u mhux kapriccjuz, tasal biex tiddeciedi kif iddecidiet.

Ghal dik li hija interpretazzjoni tal-ligi, ma hemm xejn fis-sentenza appellata li turi b'xi mod li l-ewwel Qorti interpretat b'xi mod skorrett xi punt ta'ligi. Anzi piuttost ghall-kuntrarju. L-ewwel Qorti kienet pjenament korretta ghal dak li jirrigwarda l-ligi applikabbli fil-kaz prezenti. Mill-aspett ta'punti ta'ligi, ghalhekk, ma hemm xejn xi tghid dwar l-operat ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dak li jirrigwarda l-provi, anke hawnhekk, din il-Qorti ezaminat il-provi kollha dettaljatament. F'dan il-kaz hemm zewg verzjonijiet ta' fatti, dawk li ssemmi Audrey Bonnici, u dawk li jsemmi l-appellant. Hemm bosta punti f'dawn iz-zewg verzjonijiet li jaqblu, izda hemm bosta li huma kontrastanti. L-ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti, kif fil-fatt kellha taghmel, hu li tara mill-assjem tal-provi prodotti, kellhiex temmen il-verzjoni tal-minorenni Audrey Bonnici kif korroborata b'xhieda ohra w cirkostanzi, jew dik ta' l-appellant, allura imputat. Dik il-Qorti, wara ezami tal-provi kollha, dehrilha, u dan kif spjegat fis-sentenza taghha, li kellha tadotta l-verzjoni ta'Audrey Bonnici. Dan ifisser li dik il-Qorti kienet moralment konvinta mill-verzjoni tal-prosekuzzjoni u li, ghalhekk, l-appellant, allura imputat, ma kienx irnexxielu johloq id-dubju ragjonevoli jew li almenu jilhaq il-grad tal-probabbli fil-verzjoni tieghu tal-fatti. Dan l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti hu kompletament imholli fid-diskrezzjoni taghha, u din il-Qorti ma ssib ebda raguni legalment valida l-ghaliex ghandha b'xi mod tvarja minn din id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti. Ma hemm xejn li jindika li l-ewwel Qorti ghamlet xi apprezzament tal-provi hazin. Il-provi huma cari li in bazi taghhom dik il-Qorti setghet legalment tasal ghall-konkluzzjonijiet li fil-fatt waslet ghalihom. L-ewwel Qorti mmotivat is-sentenza taghha u spjegat ghaliex kienet moralment konvinta mill-verzjoni tal-prosekuzzjoni, u din il-Qorti taqbel bis-shih ma'dak li qalghet dik il-Qorti. Din il-Qorti tikkondividi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti fis-sens li hi l-fehma taghha wkoll li f'dan il-kaz il-fatti li jemergu mill-provi jinkwadraw ruhhom perfettament mad-disposizzjonijiet tal-ligi li jirreferu ghar-reati li taghhom dik il-Qorti sabet htija fl-appellant. Dan li qed jinghad japplika ugwalment kemm ghal dak li hu l-meritu ta' dan il-kaz, kif ukoll ghal dik li hi l-piena li l-ewwel Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, dehrilha li kellha timponi fuq l-allura imputat wara li sabitu w ddikjaratu hati fuq xi akkuzi mressqa kontrih. Aktar minn hekk din il-Qorti m'ghandhiex xi tghid.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tirrespingi l-aggravji ta' l-appellant, tiddisponi minn dan l-appell billi filwaqt li qed tikkonferma l-parti liberatorja tas-sentenza appellata, qed tichad l-appell ta' Samir M. Yefrni fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata kull fejn sabitu hati w fil-parti tal-piena, u, ghalhekk, tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, inkluz kull ordni moghti mill-ewwel Qorti.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur